Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

# Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 38

**Data:** Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020
**Ħin:** 17:30
**Post:** Sala Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, il-Marsa

**Preżenti**:
Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru
Perit Graziella Galea – Membru

**Skużati:**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**38.1 Preżentazzjoni u Approvazzjoni tal-ittri tal-Apoloġija**

38.1.1 Is-Segretarja preżentat l-ittra ta' apoloġija ta' Dr. Samuel Azzopardi.

38.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv aċċetta l-apoloġiji preżentati.

**38.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 37**

38.2.1 Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.37.

38.2.3 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Michael Fenech Adami, l-Eżekuttiv approva il-minuti.

**38.3 Punti li joħorġu mill-Minuti Laqgħa Nu. 37**

38.1.1 Il-President semma li ser ikun qed isemmi xi punti li ġew diskussi fl-aħħar laqgħa taħt l-item fl-Aġenda, Komunikazzjoni mill-President. Dan biex jiġi evitat repetizzjoni ta' dak li jkun diġa intqal.

**38.4 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 37**

38.4.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata minn Chev Paul Farrugia u s-Sur Michael Fenech Adami ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-26 t' Awwissu 2020 u s-17 ta' Settembru 2020 li kienet tammonta għall-€36,328.26.

**38.5 Sejħa għall-Offerti Vetturi għall-użu tal-AKL**

38.5.1 Il-President semma li s-sejħa għall-vetturi elettrki kienet għalqet u li l-AKL irċeviet erba' offerti.

38.5.2 Il-President talab lill-Eżekuttiv sabiex japprovaw ir-rapport. L-Eżekuttiv qabel li l-AKL għandha tmur għat-tieni l-irħas offerta, dan meta wieħed jikkunsidra li:

- L-irħas offerta u t-tieni l-irħas offerta ġew sottomessi mill-istess kuntrattur
- L-irħas offerta u t-tieni l-irħas offerta kwotaw l-istess mudell ta' karozza
- It-tieni l-irħas offerta varjat mill-ewwel offerta peress li l-kwotazzjoni ġiet kwotata bl-excess imħallas mill-kuntrattur f' każ ta' claim.

**38.6 Komunikazzjoni mill-President**

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**38.6.1 Sejħa tal-Konsulent tal-EU**

Il-President semma li l-minħabba ċ-ċirkustanzi tal-pandemija u l-konsegwenzi li din kellha fuq l-laqgħat fi ħdan il-Kumitatt Reġjonali ġewwa Brussel u Kunsill Ewrpew ġewwa Starsburgu, fuq proposta tal-President, issekondata mill-Eżekuttiv, l-AKL mhux ser tkun qed iġġedded il-kuntratt eżistenti tal-konsulent kif ukoll għalissa mhix ser toħroġ sejħa oħra. Il-President semma li xogħlijiet t' amministrazzjoni f' dan ir-rigward qed isiru mill-AKL.

**38.6.2 Entente Florale Europe**

Il-President li kienet saret laqgħa introduttorja ma' rappreżentanti ta' din l-Assoċjazzjoni. Semma li l-aKL għaddiet l-applikazzjoni sabiex tiġi approvata waqt laqgħa ġenerali ta' Entente Florale. Wara dan il-proċess, l-AKL tkun trid taħtar persuna li tkun parti mill-ġurija, kif ukoll tinomina xi lokalitajiet sabiex jikkompetu f' din il-kompetizzjoni.

**38.6.3 Online Permitting System & Right of Way**

Il-President semma li l-AKL kienet talbet direzzjoni minn avukat li jispeċjalizza fuq sejħiet pubbliċi għall-opinjoni ta' kif għandha tinħareġ din is-sejħa. L-Eżekuttiv qabel mal-proposta tal-President li l-AKL għandha timxi fuq il-pariri mogħtija mill-avukat. Semma li hemm affarjiet legali li bħal GDPR li ħadu ż-żmien sabiex jiġu kjarifikati. Peress li s-sejħa kienet ħarġet bħala Request for Proposal jista' jkun hemm entitajiet oħra li jkunu interessati li jissottomettu l-offerti tagħhom.

**38.6.4 Applikazzjoni tal-Proġett EDIC**

Il-President semma li l-applikazzjoni għal dan il-proġett kienet ġiet sottomessa.

**38.6.5 Skema Mobilita' u Aċċessibbilita maħruġa mid-Direttorat tal-Iskemi**

Il-President semma li ħarġet skema mid-Direttorat tal-Iskemi fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali li hija mmirata sabiex jintużaw il-fondi tagħha għall-proġett Slow Streets. Chev Paul Farrugia xtaqt kjarifika jekk ir-Reġjuni jistgħux japplikaw għal dan il-fond. Il-President semma li ser ikun qed jikkomunika mad-Diviżjoni f' dan ir-rigward.

**38.6.6 Pjan ta' Kontinġenza**

Il-president semma li l-Assoċjazzjoni bgħatet komunikat lid-Diviżjoni kif ukoll lill-ANSEK sabiex jiġi imħejji pjan ta'

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

kontinġenza f' każ li xi uffiċni tal-Kunsilli Reġjonali / Kunsilli Lokali jiġu milquta' mill-pandemija. Dan anki fid-dawl tal-ftuħ tal-iskejjel u li ħafna mill-ħaddiema għandhom tfal żgħar. Il-President semma li min-naħa tiegħu għadu qed jistenna rispons min-naħa tal-partijiet l-oħra.

**38.6.7 Ftehim ma' Transport Malta – Data Sharing**

Il-President semma li l-AKL u TM kienu ser jiffirmaw ftehim li jirrigwarda Data Sahring. Dan peress li l-AKL talbet lil TM sabiex għall-istudji tal-Proġett Slow Streets tintuża l-GIS ta' TM. Min-naħa tal-AKL jekk tinsab informazzjoni ġdida għandha tgħaddi għand it-TM sabiex database tagħhom tiġi emendata.

**38.6.8 Laqgħa mal-KNZ**

Il-President semma saret laqgħa mal-KNZ u li wrew interess sabiex jippromovu l-proġett tal-Erasmus+ li ser ikun immexxi mill-AKL.

38.6.9 Is-Sur Anthony Mifsud daħħal għal-laqgħa fis-17:57.

**38.6.10 Sejħa għall-offerti għall-Venues u Catering (Seminars AKL)**

Il-President semma s-sejħa għalqet u daħħlu l-offerti li kollha qabżu l-estimi finanzjarji li allokat l-AKL għal din is-sejħa. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qabel li s-sejħa għandha tiġi kkanċellata anki fid-dawl tal-pandemija COVID-19

**38.6.11 Proġett tal-IOM Belġjum**

Il-President semma wara li saret talba lill-AKL mill-IOM (Belġjum) sabiex Kunsilli Lokali jiddikjaraw l-interess tagħhom f' dan il-proġett, kien hemm il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi u Għajnsielem li ser ikunu qed jipparteċipaw.

**38.6.12 Servizz ta' tindif għall-uffiċini AKL**

Il-President semma li fl-aħħar jiem kien intbgħat avviżż lill-kuntrattur li qed joffri s-servizz ta' tindif tal-AKL wara li dan kien qed jibgħat cleaner li kienet titlob li tiġi skużata biex titlaq tagħmel xogħol ta' xuffier. L-AKL talabt lill-kuntrattur sabiex jagħraf jibgħat persuna li tkun tista' tati l-erba' siegħat sħaħ kull darba li tiġi inkella kien ser jiġi tterminat il-kuntratt.

**38.6.13 Skema CIES**

Il-President semma li l-AKL kienet ser tiltaqa' mal-Lino Spiteri Foundation sabiex jiġu diskussi l-kompetenzi u l-ħiliet tal-persuni li hemm li jistgħu jkunu eliġibbli għal din

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

l-iskema. Wara din il-laqgħa l-AKL tkun tista' b' mod aħjar timla vacancy form skon il-kompetenzi li jingħataw mill-Lino Spiteri Foundation. Dan huwa l-aħjar proċess sabiex ikun hemm tqabbil effettiv bejn dak li trid l-AKL u l-kompetenzi tan-nies li hemm fir-reġistru ta' Lino Spiteri Foundation.

**38.6.14 ERA u l-Proġett Slow Streets**

Il-President semma li kienet ġiet organizzata laqgħa ta' informazzjoni bejn l-ERA u l-AKL biex jiġi diskuss aktar fid-dettal il-proġett Slow Streets, dan wara li l-ERA xtaqet aktar tgħarif fuq liema toroq ser ikunu parti mill-proġett. Il-President semma li talab lil ERA biex taqsam mal-Kunsilli Lokali statistika ta' tniġġis tal-arja fil-lokalitajiet.

**38.6.15 Proposta għall-Fondi tal-LESA mill-Kunsill Lokali Swieqi**

Il-President semma li l-Kunsill Lokali ta' Swieqi kien issottometta emedna fil-proposta sabiex jagħmel użu mill-fondi tal-LESA. Il-President semma li l-maġġoranza ta' dawn il-fondi kienu ser jingħtaw lill-kantanta waħda sabiex tiġi rrekordjata kanzunetta. Il-President semma li dan m'huwiex l-għan għalxiex jintużaw dawn il-fondi. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv ma aċċettax din il-proposta.

**38.6.16 CCTV għall-komun tal-binja**

Il-President semma li kienu inġabru kwotazzjonijiet sabiex tiġi installata sistema ta' CCTVs fil-parkeġġ u l-komun tal-binja. Fuq proposta tal-President, l-Eżekuttiv qablu li jmorru għall-orħos kwotazzjoni miġbura.

**38.6.17 Skema CWSEF**

Il-President semma li tul dan l-aħħar xhur minkejja l-ftehim ma' CWSEF jidher li l-iskema mhux qed timxi ma' dak mifthiem kemm fejn jidħol program ta' xogħlijiet tal-ħaddiema, kif ukoll trasferimenti ta' ħaddiema minn Kunsill għall-ieħor qed isiru mingħajr ma' l-AKL tiġi nnotifikata. Dan qed joħloq problemi li mbgħad ikollha tidħol fihom l-AKL. Il-President semma li hemm possibbilita' li tiżdied l-allokazzjoni ta' ħaddiema fuq din l-iskema. F' dak il-każ huwa jipproponi li dawn għandhom ikunu assenjati mar-Raġjuni sabiex jassistu lill-Kunsilli Lokali skond il-ħtieġa. Chev. Farrugia semma li huwa inġust li Kunsilli Lokali m' għandhom xejn imbgħad hemm oħrajn li għandhom ħafna.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**38.6.18 AKL Website**

Il-President semma li x-xogħol beda tiela' b' rata tajba ħafna u ser tkun qed tiġi mnedija l-website fil-ġimgħat li ġejjin. Il-President talab lill-Eżekuttiv sabiex jinforma lis-Segretarja jekk hemm min irrid ibiddel xi dettalji mill-bijografija tiegħu li ser tkun qed tidher fuq il-website.

**38.6.19 Bus Shelters**

Il-President semma li saret talba għal 600 Bus Shelter. Semma li saru s-surveys fuq dawk mitluba u dawn ġew klassifikati fi tliet kategoriji; dawk li jistgħu jitwaħħlu, dawk li għandhom bżonn emendi minuti u dawk li hemm diffikultajiet . Qed issir kuntatt mal-Kunsilli Lokali sabiex jitwaħħlu dawk li fuqhom m'hemmx problemi. Semma wkoll li qabel ma qed jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet l-Awtorita' tal-Ippjanar qed tinġib in- No Objection minn Transport Malta.

**38.6.20 Dokumenti imħejjija mill-AKL**

Il-President semma li l-AKL kienet ħadmet fuq dokument tal-Vetturi Elettriki u li dan kien tqassam kopja tiegħu lill-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali kif ukoll kienet bdiet ħidma fuq dokument ieħor li jitratta il-Bidla fil-Klima u dokument ieħor ta' proposti wara talba li saret mill-Partit Laburista għall-inizjattiva 100 Idea. Il-President semma li nġabru l-kwotazzjonijiet biex kull dokument li jiġi mħejji jiġi printjat f' forma ta' ktejjeb. L-Eżekuttiv qabel li għandhom jintgħażlu l-orħos kwotazzjonijiet miġbura.

**38.6.21 Slow Streets**

Il-President semma li l-proġett pilota ser ikun imnidi lejn l-aħħar t' Ottubru. Semma li ser ikun hemm laqgħa ma' TM sabiex l-applikazzjonijiet sottomessi jiġu approvati.

**38.6.22 Ġbir ta' ħġieġ**

Il-President semma li kien attenda diversi laqgħat ma' l-operaturi, Wasteserv u anki l-Ministeru tal-Ambjent. Jidher li kien hemm qbil li wara l-ħġieġ, fl-istess ġurnata jinġabar l-iskart riċiklabbli sabiex kaxxi tal-kartun li jitħallew barra jkunu jistgħu jinġabbru. Il-President semma li din m'għandiex tirriżulta fi spejjeż addizzjonali għall-Kunsilli Lokali. Wara kummen mis-Sa. Graziella li l-iskart tal-ħwienet kien qed jitħalla u ma jinġabarx, il-President semma li skart kummerċjali mhux suppost

**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

jinġabar mill-Kunsill Lokali peress li l-Kunsill Lokali jieħu biss allokazzjoni biex jiġbor l-iskart domestiku.

**38.6.23 Swieq fil-Beraħ**

Il-President semma li kien attenda għal-laqgħa ma' l-Onor Silvio Schembri rigward is-swieq fil-beraħ. Semma li ser ikunu qed jiġu ingaġġati mal-istess Ministeru persuni assenjati biex iduru s-swieq u isir rendikont tas-sitwazzjoni u tal-bejjiegħa.

**38.6.24 Ħlasijiet tal-LESA dovuti lir-Reġjuni**

Il-President semma li r-Reġjuni għandhom jirċievu l-ewwel pagament fil-ġimgħat li ġejjin.

**38.6.25 Latrini fil-lokalitajiet**

Il-President semma li l-AKL kienet qed tiġbor informazzjoni mingħand il-Kunsilli Lokali sabiex ikun hemm rendikont ta' numru ta' latrini fil-lokal, l-istat tagħhom, liema entita' qed tieħu ħsiebhom u jekk il-Kunsill Lokali huwiex interessat li jagħmel Private Partnership Agreement. Il-President semma li irrispondew madwar 40 lokalita'. Il-President talab lill-Eżekuttiv li din il-materja tiġi diskussa aktar fid-dettal fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv li jmiss sabiex wieħed ikun jista' jara l-ideat tal-Membri kollha sabiex tiġi fformolata proposta.

**38.7 Aġġornament**

38.9.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 15 t' Ottubru 2020 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija ġewwa l-binja tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.39 li nżammet nhar il-Ħamis, 15 t' Ottubru 2020.

**Mario Fava**
**President**